



## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 126/22

il-Lussemburgu, 14 ta' Lulju 2022

Sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawżi magħquda C-59/18, L-Italja vs Il-Kunsill u C-182/18, Comune di Milano vs Il-Kunsill, fil-Kawżi magħquda C-106/19, L-Italja vs Il-Kunsill u Il-Parlament u C-232/19, Comune di Milano vs Il-Parlament u Il-Kunsill, u fil-Kawża C-743/19, Il-Parlament vs Il-Kunsill

### Iffissar tas-sede tal-EMA u tal-ELA: Il-kompetenza sabiex tittieħed deċiżjoni hija tal-leġiżlatur tal-Unjoni u mhux tal-Istati Membri

*Id-deċiżjonijiet tar-Rappreżentanti tal-Istati Membri li jagħżlu s-sede l-ġdida tal-EMA u s-sede tal-ELA huma atti politiċi li ma għandhomx effetti legali vinkolanti, minkejja li ma jistgħux ikunu s-suġġett ta' rikors għal annullament*

Fl-20 ta' Novembru 2017, ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri għażlu l-belt ta' Amsterdam sabiex jissostitwixxu Londra bħala s-sit il-ġdid ta' stabbiliment tas-sede tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA).

F'Ġunju 2019, huma ddeċidew ukoll li l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA) li kienet għadha kif inħolqot kienet ser ikollha s-sede tagħha fi Bratislava.

L-Italja u l-Comune di Milano kkontestaw id-deċiżjoni tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri li tiffissa s-sede tal-EMA f'Amsterdam (C-59/18 u C-182/18), kif ukoll ir-Regolament 2018/1718<sup>1</sup> li, wara din id-deċiżjoni, iffissa din is-sede f'dik il-belt (C-106/19 u C-232/19). Min-naħa tiegħu, il-Parlament Ewropew ikkontesta d-deċiżjoni tar-Rappreżentanti tal-Istati Membri li tiffissa s-sede tal-ELA fi Bratislava (C-743/19).

Fis-sentenzi tagħha mogħtija llum, **il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala kulleġġ ġudikanti, tiċħad ir-rikorsi kollha.**

Il-Qorti tal-Ġustizzja tibda billi tfakkar li l-atti adottati kollettivament mir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri ma jistgħux ikunu suġġetti għal sħarriġ tal-legalità eżerċitat mill-qorti tal-Unjoni skont l-Artikolu 263 TFUE.

Madankollu, huwa meħtieġ ukoll li tali att ma jikkostitwixxix, fir-realtà, deċiżjoni tal-Kunsill meħuda bħala istituzzjoni tal-Unjoni.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja teżamina, qabelxejn, jekk il-kompetenza dwar l-iffissar tas-sede tal-korpi u tal-organi tal-Unjoni taqax fuq ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri li jiddeċiedu bi ftehim komuni bis-saħħa tar-regola stabbilita fl-Artikolu 341 TFUE jew jekk hijiex tal-leġiżlatur tal-Unjoni.

**Il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li l-Artikolu 341 TFUE ma japplikax għall-għażla tal-post tas-sede ta' korp jew ta' organu tal-Unjoni bħall-EMA u l-ELA.**

**Għaldaqstant, il-leġiżlatur tal-Unjoni għandu l-kompetenza li jiddeċiedi dwar l-iffissar tal-post tas-sede tal-**

<sup>1</sup> Regolament (UE) 2018/1718 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 726/2004 dwar il-post tas-sede tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU 2018, L 291, p. 3).

**EMA u tal-ELA**, li għandu jaġixxi għal dan il-għan konformement mal-proċeduri previsti mid-dispożizzjonijiet tat-Trattati sostantivament rilevanti.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis **li d-deċiżjonijiet tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri meħuda, rispettivament, f'Novembru 2017 u f'Ġunju 2019 sabiex jagħżlu s-sede l-ġdida tal-EMA u s-sede tal-ELA** ma jistgħux jiġu kklassifikati bħala atti tal-Kunsill. Dawn id-deċiżjonijiet jikkostitwixxu, għall-kuntrarju, atti meħuda kollettivament u bi ftehim komuni minn dawn ir-rappreżentanti governattivi.

Peress li ttieħdu mill-Istati Membri f'qasam fejn it-Trattati ma jipprevedux l-azzjoni tagħhom, id-deċiżjonijiet inkwistjoni huma m'caħħda minn kull effett legali vinkolanti fid-dritt tal-Unjoni. Dawn huma deċiżjonijiet politiċi **tal-Istati Membri, li ma jistgħux ikunu s-suġġett ta' rikors għal annullament bis-saħħa tal-Artikolu 263 TFUE.**

Fir-rigward tar-rikorsi ppreżentati kontra **r-Regolament 2018/1718**, il-Qorti tal-Ġustizzja **tiċħad l-argumenti kollha mressqa mill-Comune di Milano u l-Gvern Taljan, ibbażati fuq ksur tal-prerogattivi tal-Parlament, kif ukoll fuq l-illegalità ta' dan ir-regolament li tirriżulta mill-allegata irregolarità tal-proċedura li wasslet għad-deċiżjoni tar-Rappreżentanti tal-Istati Membri tal-20 ta' Novembru 2017 li kienet tipprevedi li l-belt ta' Amsterdam tintgħażel bħala s-sede l-ġdida tal-EMA.**

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li din id-deċiżjoni hija att ta' kooperazzjoni politika mingħajr valur vinkolanti li jista' jillimita s-setgħa diskrezzjonali tal-leġislatur tal-Unjoni. **Għaldaqstant, ma jistax jitqies li l-Parlament, f'dan il-każ, irrinunzja milli jeżerċita l-kompetenzi leġiżlattivi tiegħu billi qies ruħu marbut bid-deċiżjoni inkwistjoni.**

Il-Qorti tal-Ġustizzja żżid li kien ikun possibbli għall-Parlament, fil-każ ta' nuqqas ta' qbil mad-deċiżjoni politika tal-Istati Membri li jittrasferixxu s-sede tal-EMA għal Amsterdam, li jopponi li din id-deċiżjoni tiġi riflessa f'att leġiżlattivi tal-Unjoni.

**NOTA:** Ir-rikors għal annullament huwa intiż sabiex jiġu annullati atti ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma jkunux konformi mad-dritt tal-Unjoni. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali. Jekk ir-rikors ikun fondat, l-att jiġi annullat. L-istituzzjoni kkonċernata għandha ssib rimedju għal lakuna ġuridika eventwali li tinħoloq bl-annullament tal-att.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-test sħiħ tas-sentenzi ([C-59/18 u C-182/18](#), [C-106/19 u C-232/19](#), u [C-743/19](#)) jinsabu fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106

Ibqgħu konnessi!

